**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 6 ta' Ottubru 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Galea)**

**vs**

**Anthony Mifsud**

**1.** Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet, kif korretti b'digriet tad-9 ta' Awwissu 2019, migjuba kontra:

**Anthony Mifsud** ta' 72 sena, iben il-mejjet Anthony u il-mejta Gorga neè Formosa, imwieled Ħal Qormi nhar it-22 ta' Marzu 1947, residenti ġewwa fond numru 54, Triq is-Sajjieda, l-Marsa detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0339147M.

Akkuzat talli nhar il-25 ta' Lulju, 2019, għal-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs) waqt li kien fi Triq is-Sajjieda l-Marsa,

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ħebb għal martu Giorgia Mifsud, u kkaġunala ġriehi ta' natura ħfief, skond kif iċċertifika Dr. Adrian Cordina MD Med Reg. No. 2641 permezz ta' strument li jaqta u bil-ponta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkaguna lil ħaddiehor, u cioe' lil martu Giorgia Mifsud il-biża' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjetá tagħha jew kontra l-persuni jew il-propjetá ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti jew ahwa subien jew bniet,

3. U aktar talli fl-istess data, ħin lok, u ċirkustanzi żamm fil-pussess tiegħu, ġarr l'barra min xi fond jew d'intorni tiegħu, sikkina jew strument li jaqta jew bil-ponta ta' liema xorta hija mingħajr il-liċenzja jew permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin lok, u ċirkostanzi insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod iehor lil martu Giorgia Mifsud;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.

Il-Qorti giet mitluba titratta dan il-kaz bħala wieħed ta' vjolenza domestika, ai termini tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ulterjorament mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet wkoll mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' ta' Giorgia Mifsud jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-familja tagħha minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biza ta' vjolenza, toħrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f'każ ta' ħtija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' ta' l-persuna offiza u l-familja tagħha ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**3.** Rat in-nota tar-rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali tal-11 ta' Novembru 2019, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub:

a) Fl-Artikolu 202(h), 214, 215, 217, 221, 222(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
b) Fl-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
c) Fl-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta
d) Fl-Artikolu 338(dd), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
e) Fl-Artikolu 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
f) Fl-Artikolu 17, 31, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

**4.** Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u rat li l-parte civile u d-difiza naqsu li jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi taghhom fit-terminu lilhom preskritt.

**Il-Fatti**

**5.** Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

**1.** James Mifsud cempel l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun u infurmahom li Theresa Delia infurmatu li missieru, l-imputat, kien ghamel ghal ommu Giorgia Mifsud, b'sikkina fi Triq is-Sajjieda, l-istess triq li fiha huma kienu joqghodu.

**2.** Meta l-Pulizija waslu fuq il-post, is-sitwazzjoni kienet ikkalmat, u Anthony Mifsud kien bil-qieghda fuq il-bankina, filwaqt li martu kienet f'post iehor ghas-sigurta taghha fit-tarf tat-triq.

**3.** Il-Pulizija sabu sikkina maqsuma fuq l-ghatba tar-residenza tal-konjugi Mifsud.

**4.** Giorgia Mifsud qalet lil pulizija li hi u l-imputat kien ilhom xi hmistax-il gurnata b'disgwidi bejniethom rigward xi flus. Dak in-nhar, kien ilhom minn filghodu

jargumentaw u ma jkellmux lil xulxin. Wara nofsinhar hija harget biex tmur tara lit-tifel taghhom l-isptar, minghajr ma qalet lill-imputat. Hi tissuspetta li l-imptuat lanqas kien jaf li t-tifel kien l-isptar. Kif giet lura xi t-tmienja ta' fil-ghaxija (8.00pm) hija sabitu barra l-bieb tar-residenza taghhom jistenniha b'sikkina f'idu.

**5.** Giorgia Mifsud qalet li x'hin l-imputat raha, u qabad jghajjara u jxejjer sikkina li soltu juza biex iqatta' l-laham, izda minhabba li jimxi bi tbatija kemm laqatha bi zbrixx f'nofs sidirha u fil-minkeb, ghalkemm hi sostniet li hin minnhom hasset is-sikkina ma' ghonqa. Giorga Mifsud stqarret li hi harbitlu billi xejritlu bil-handbag u marret tistkenn ghand wahda mill-girien.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

**6.** L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri, fejn ikkonferma l-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija fl-intier taghha.

**7.** Fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal li hu u martu kienu ilhom jargumentaw dawn l-ahhar hmistax-il gurnata. Hu qal li hi ma uritux li t-tifel taghhom kien l-isptar, u dak in-nhar tal-incident harget wara nofs-in-nhar, u hu qaghad jistenniha hdejn il-bieb tad-dar bis-sikkina hdejh, u sakemm qaghad jistenniha xorob tlett bottijiet birra.

**8.** Fl-istqarrija huwa jghid hekk:

*"Kont qed niehu dawk iz-zixx* [sic] *bottijiet birra u hallejtha* [is-sikkina] *hdejja, ghedt issa x'hin tigi l-mara naghmel ghalijha* [sic] *biha. Kif giet mill-isptar mal-gharusa tat-tifel, kif nizlet mil-karozza, ghedtilha "Fejn mort?" u ghamilt ghalijha* [sic]. *U mbaghad qabdet tghajjat u kellimta xi tnejn hazin. L-verita nghid jien m'ghandix ghal fejn nibza. Din il-kwistjoni qbadniha fuq il-flus l-iktar ... ... Emmini ma nafx x'ghamilt dak il-hin ghax ghamejt."*[1]

**9.** L-imputat jghid li wara huwa qasam is-sikkina ma hadida li kien hemm inserita fuq il-bankina.

[1] Ara tergo. fol. 16.

**10.** Dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu jaqbel fis-sustanza ma' dak li xehdet il-parte civile Giorgia Mifsud u x-xhud okulari Theresa Delia, l-gharusa tat-tifel tal-konjugi Mifsud.

**11.** Konsegwenza ta' dan l-incident, Giorga Mifsud sofriet feriti ta' natura hafifa b'konsegwenzi zghar, kif iccertifika u ikkonferma bil-gurament it-tabib Dr Adrian Cordina. Dawn kienu jikkonsistu minn girfa fuq il-minkeb tax-xellug u girfa fuq sidirha.

**12.** Mill-provi prodotti il-Qorti issib lill-imputat hati tar-reati kollha elenkati fin-nota tar-rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali, pero in vista tan-natura ferm hafifa tal-feriti sofferti mill-parte civile, hija qed issibu hati ta' ferita hafifa b'effett ta' importanza zghira ai termini tal-Artikolu 221(3) tal-Kodici Kriminali.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

**13.** Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u ammetta l-involiment tieghu f'dan l-incident.

**14.** Ghalkemm il-fedina penali tal-imputat m'hix wahda netta, lanqas tista' titqies li hija wahda raffrettarja. Vera li l-imputat, li ghandu 72 sena, ghandu tminn (8) kundanni minn dawn il-Qrati, li jinkludu danni volontarji zghar lill-awtorita pubblika, serq ta' kurrent elettriku, li kien f'post fejn il-kacca hija projbita, li kien jirregistra ghax-xoghol minkejja li kien self-employed, saq vettura minghajr il-licenjza tal-Pulizija u minghajr ma kienet koperta b'polza tal-assigurazzjoni, u li saq opra tal-bahar minghajr mal-istess mutur ma kien irregistrat mal-awtorita kompetenti. Ghalhekk il-fedina penali tieghu ma tistghax titqies wahda allarmanti, u ghal dak li hu rilevanti ghal kaz odjern, huwa qatt ma nstab hati ta' vjolenza fizika fil-konfront ta' xi hadd, jew li kien involut f'xi glied.

**15.** Mir-rapport tal-Ufficjali tal-Agenzija Appogg jirrizulta li r-relazzjoni tal-konjugi Mifsud kient ilha 56 sena (li minnhom ghamlu 46 sena mizzewgin) u li l-glied ta'

bejniethom beda hmistax-il gurnata qabel l-incident in kwistjoni.[2] Meta Giorgia Mifsud giet mistoqsija mill-Prosekuzzjoni jekk qatt kellhix incidenti ta' dan it-tip qabel, hi wiegebet *"Le, qatt ma kelli dawn l-affarijiet hekk."*. Inoltre, it-tifel taghhom James Mifsud, li cempel ghall-assistenza tal-Pulizija dak in-nhar tal-incident, u li ghandu 46 sena,[3] xehed li hu qatt ma ra vjolenza minn xi hadd mill-genituri tieghu.[4] Ghalhekk jidher li dan kien incident izolat.

**16.** Ghal fini ta' piena, ir-reat li ikkaguna ferita hafifa b'effett ta' importanza zghira, huwa assorbit fir-reat li ikkaguna biza' li tintuza vjolenza kontra martu, u dan bl-applikazzjoni tat-teorija ideali jew formali tar-reati. Il-piena ghar-reati l-ohra hija wkoll assorbita fir-reat li ikkaguna biza' u dan ai termini tar-regoli tal-konkors tar-reati u pieni, kif preskritt fl-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali.

**17.** Pero min-naha l-ohra din il-Qorti ma tistax tinjora l-gravita' ta' l-agir tal-imputat – dan reat ta' ferita hafifa u reat ta' kagunar ta' biza' ta vjolenza ta' mara minn zewgha, reat ta' vjolenza domestika, li sfortunatament f'dawn l-ahhar snin dawn it-tip ta' kazijiet qeghdin isiru aktar frekwenti, tant li ftit tas-snin ilu l-legislatur hass li kellu jemenda l-ligi fir-rigward sabiex *inter alia* tinghata iktar protezzjoni lill-vittma u joghlew il-pieni. Ghalhekk, il-Qorti hija tal-opinjoni li in principju l-piena li ghandha tigi inflitta hija dik ta' piena karcerarja effettiva, ghaliex huwa obbligu taghha li tghaddi messagg ta' determinazzjoni u severita ghall-vjolenza domestika.

**18.** Pero, il-Qorti ma tistax ma tinjorax il-fatt li fil-kaz odjern, l-imputat diga ghamel ftit inqas min erba' xhur detenut taht arrest preventiv.

**19.** Wara li rriflettiet fit-tul, u ikkunsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti ma hix tal-opinjoni li l-imputat ghandu jigi ikkundannat ghal perjodu itwal ta' piena karcerarja effettiva, pero l-piena idonea ghandha tkun piena karcerarja sospiza fil-massimu taghha, flimkien ma' ordni ta' trazzin.

---

[2] Ara fol. 22 tal-process u c-certifikat taz-zwieg a fol. 75 tal-process.
[3] Ara fol. 53 tal-process.
[4] Ara fol. 107 tal-process.

**Konkluzjoni**

**20.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. wara li rat l-Artikoli 202(h), 214, 215, 217, 221(3), 222(1), 251B, 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati f'dawn l-artikoli, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Giorgia Mifsud. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perjodu ta' tlett snin (3) dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Trażżin hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

3. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali. Jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**